MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 19/2010

**Decizjoni Numru: 310/10**

**Graziella Russo**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-17 ta' Awwissu 2010 l-Arbitur ippronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru:-***

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datata 7 ta' Ottubru 2009.

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datata 9 ta' Ottubru 2009.

Ra l-ittra tal-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur datata 29 ta' April 2010.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra:**

IIli permezz ta' decizjoni moghtija minnu fis-7 ta' Ottubru 2009, id-Direttur tas-Sigurta` Socjali ddecieda illi l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali peress illi t-tfal taghha kellhom 'il fuq minn 18-il sena u peress li hija kienet qed tahdem.

Illi permezz ta' decizjoni ohra moghtija minnu fid-9 ta' Ottubru 2009, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda illi l-appellanti kienet thallset zejjed l-ammont ta' €8,540.20 fl-Ghajnuna Socjali li hija kienet irceviet ghall-perjodu bejn 23.02.08 u 31.10.09 u dan minhabba li hija kienet qed tahdem u t-tfal taghha kienu ghalqu t-18-il sena.

Illi fir-rigward tad-decizjoni moghtija mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali datata 7 ta' Ottubru 2009, fejn l-appellanti giet mgharfa li ma kinitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali peress illi ma kinitx ghadha tissodisfa l-kundizzjonijiet tas-Subartikolu 7 tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru huwa tal-fehma li din id-decizjoni ittiehdet skont il-ligi u ghalhekk timmerita konferma.

Illi madankollu l-istess ma jistax jinghad dwar id-decizjoni moghtija mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali fid-9 ta' Ottubru 2010, u dan ghaliex id-Dipartiment kien ferm konxju tac-cirkostanzi tal-appellanti u tal-fatt li fil-perjodu in kwistjoni ma kinitx aktar intitolata ghal tali ghajnuna. Izda xorta wahda wara decizjoni cara li ttiehdet internament mid-Dipartiment, l-appellanti kompliet tinghata l-Ghajnuna Socjali. Ghalhekk l-Arbitru huwa tal-opinjoni li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa inkoncepibbli li

d-Dipartiment jithallas lura kwalsiasi ammont li thallas lill-appellanti meta kien id-Dipartiment stess li ghazel li jkompli jissomministra dan il-beneficcju lill-appellenti ben sapendo li ma kinitx intitolata ghalih. Ghal dawn il-motivi d-decizjoni appellata tas-7 ta' Ottubru 2009 qed tigi konfermata u l-appell fuq din id-decizjoni qed jigi michud, filwaqt li d-decizjoni tad-9 ta' Ottubru 2009 qed tigi michuda u l-appell fir-rigward ta' din id-decizjoni qed jigi milqugh.

Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datat 17 ta' Settembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Graziella Russo datata 25 ta' Jannar 2011 a fol 8 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Nadya Fiott ghamlet referenza ghas-sentenza **"Sonia Catania vs Direttur Sigurta` Socjali"** Appell Civili Nru 2/10 deciza fit-22 ta' Mejju 2009 u **"Nathalie Ellul vs Direttur Sigurta` Socjali"** deciza fid-19 ta' Frar 2010. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 17 ta' Awwissu 2010

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali appellant hija fis-sens li la darba rrizulta li l-appellata ma kienitx intitolata ghal tali beneficcju tal-ghajnuna socjali konsegwentement l-appellata kellha tirrifondi l-ammont li thallas lilha indebitament ghall-perjodu bejn it-23 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Ottubru 2009 ammontanti ghal €8,540.20.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li effettivament dan huwa minnu ghaliex fid-dati ndikati jirrizulta li l-appellata ma kienitx intitolata ghal tali beneficcju li kien lilha moghti ghaliex hija kienet tahdem u t-tfal ghandhom il-fuq minn 18 il-sena, u ghalhekk l-istess appellant kellu d-dritt li skond l-**artikolu 102 tal-Kap. 318** jitlob tali hlas indebitu lura anke jekk f'dan il-kaz dan jista' jsir skond is-subartikolu (1) (ii) tal-istess u dan ghaliex f'dan il-kaz l-appellata kienet tat l-informazzjoni li kellha taghti lid-Dipartiment, b'dan li allura jidher li fid-decizjoni, l-istess Arbitru injora ghal kollox din id-disposizzjoni. Jirrizulta ghalhekk li tali pagamenti saru bi zball da parte tal-appellanti u l-Ligi kif indikata taghti d-dritt lill-istess appellanti li jirkurpra dak li thallas indebitament, u sfortunatament ghall-appellanta, din hija s-sitwazzjoni legali li din il-Qorti ma tistax hlief tapplika, u dan anke konformament ma' dak li gie deciz fis-sentenzi **"Sonia Catania vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Mejju 2009) u **"Nathalie Ellul vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Frar 2010).

Illi fil-fatt jirrizulta li skond l-**artikolu 30 (7) tal-Kap. 318,** id-Direttur ghandu l-obbligu li jara li hemm l-elementi kollha sabiex tinghata l-ghajnuna socjali, izda wkoll li hekk jibqa' l-kaz; fil-kaz li jsir arrikkiment indebitu, jidhol fis-sehh l-**artikolu 102** sabiex tali ammonti jigu rifuzi lura; il-fatt li l-appellata kienet in buona fede ma jbiddel xejn mid-dritt moghti lill-appellant ghar-rifuzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att. L-istess sitwazzjoni tippersisti mill-ottika tal-**artikolu 1147 (1) tal-Kap. 16** ghaliex dak li huwa relevanti huwa li sar hlas indebitu, u li dan sar bi zball minn min jaghmel tali pagamenti. Hekk ukoll huwa l-kaz odjern.

Illi ma hemm xejn mill-atti processwali li jbiddel dan il-fatt, u certament ma jirrizultax li kien hemm xi decizjoni interna msemmija fid-decizjoni appellata, sabiex l-istess appellata tibqa' tinghata il-beneficcju li kienet qed tircievi minkejja l-fatt li ma kienitx ghadha intitolata ghalih. Li kien hemm, kienet biss decizjoni zbaljata li ma haditx konjizzjoni ta' fattispecie tal-kaz, izda dan kien naxxenti minn element ta' zball izda mhux ghaliex intenzjonalment l-appellanti ried ibiddel l-istat tal-ligi; huwa ghalhekk li invoka f'dawn il-proceduri l-**artikolu 102 tal-Kap. 318.**

Illi ghalhekk l-appell qed jigi milqugh u d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 17 ta' Awwissu 2010 qed tigi kkonfermata in kwantu cahdet l-appell tal-appellata Graziella Russo mid-decizjoni tad-Direttur datata 7 t'Ottubru 2009, izda qed tigi revokata fil-kumplament taghha, b'dan li f'dan is-sens tichad l-appell li sar mill-appellata quddiem l-Arbitru mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 9 ta' Ottubru 2009, u tikkonferma l-istess decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-istess data b'dan li qed jintlaqa' l-appell odjern, u l-Qorti qed tordna lill-appellata sabiex skond il-ligi tirrifondi lill-appellant l-ammont ta' tmint elef hames mija u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€8,540.20).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellata Graziella Russo datata 25 ta' Jannar 2011, **tilqa' l-appell interpost mill-appellant id-Direttur tas-Sigurta' Socjali b'rikors datat 17 ta' Settembru 2010 fis-sens hawn deciz b'dan li din il-Qorti qed tirriforma d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 17 ta' Awwissu 2010, in kwantu tikkonferma l-ewwel parti fejn l-Arbitru cahad l-appell ta' l-appellanti quddiemu mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 7 ta' Ottubru 2009, fil-waqt li tilqa' l-appell odjern tal-appellanti u thassar id-decizjoni arbitrali fil-kumplament taghha, u minflok tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 9 ta' Ottubru 2009, u ghalhekk tordna lill-appellata**

**Graziella Russo sabiex ai termini tal-istess decizjoni u tal-ligi tirrifondi lill-appellant l-ammont ta' tmint elef hames mija u erbghin ewro u ghoxrin centezmu €8,540.20.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------